# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum 14 ta' Lulju 2020**

Appell numru 449 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**OMISSIS1**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Diċembru 2018 fil-konfront ta’ OMISSIS1 detentur tal-karta tal-identità bin-numru xxxxxxM fejn ġie mixli talli:

   b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin f'rizoluzzjoni wahda:

   F’dawn il-Gzejjer, u/jew gewwa OMISSIS5, f’xi zmienijiet bejn l-1 ta’ Jannar tas-sena 2008 u 31 ta’ Awwissu tas-sena 2008 ippartecipa f’attivitajiet sesswali ma persuna taht l-eta’ u cioe’ n-nepputi OMISSIS2 ID:

xxxxxxM2; Art 204Ċ.(1), Art 208AĊ1(b)(d), (e) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli, F'dawn il-Gzejjer, u/jew gewwa OMISSIS5, u/jew gewwa OMISSIS6 f'xi zminijiet bejn Jannar tas-sena 2006 u Gunju, tas-sena 2016 ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta' u cioe' n-nepputija OMISSIS3 ID xxxxxxM3; Art 204Ċ.(1), Art 208AĊ1(b)(d), (e) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli f'xi zmien bejn 1 ta' Jannar, 2002 u 30 ta' Gunju, 2016 F'dawn il-Gzejjer, u/jew gewwa OMISSIS5 u/jew gewwa OMISSIS6 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin f'rizoluzzjoni wahda

B'ghemil zieni, kkorrompa persuni that l-eta' u cioe' n-nepputijiet OMISSIS4 Id:xxxxxxM4; OMISSIS2 Id: xxxxxxM2; OMISSIS3 Id:xxxxxxM3 liema delitt sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax il-sena kif ukoll sar minn xi hadd li lilu , imqar jekk ghal xi zmien kienu fdati l-minuri sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom. Art 203(1)(a)(c) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Minbarra dan il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikoli 383, 384, 385, 412C, 412D u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

3. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni u tat-tielet imputazzjoni in kwantu biss fejn il-korruzzjoni tal-minorenni kienet tirreferi għal OMISSIS2, filwaqt li lliberatu mit-tieni imputazzjoni, ddikjarat il-proċediment eżawrit fir-rigward tat-tielet imputazzjoni fejn jirrigwarda lil OMISSIS4 u OMISSIS3 u konsegwentement astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri. Il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni għal perjodu ta' tliet snin favur ta' OMISSIS2 u bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-

Liġijiet ta' Malta ikkundannat lill-appellant għall-ħlas tal-ispejjeż fl-ammont ta' €402.40 in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti. Il-Qorti ordnat ukoll li ai termini tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta li isem l-appellant jitniżżel fir-Reġistru kif imsemmi fl-istess Att.

4. Illi minn din is-sentenza OMISSIS1 interpona appell fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi riformata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lil appellant ħati tat-tieni imputazzjoni u tħassarha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra u fejn ikkundannatu għall-piena ta' ħames snin priġunerija u filwaqt li tilliberah minnhom, fin-nuqqas timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern. Dan wara li saħaq li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) :

    i. Għamlet applikazzjoni skorretta tal-Liġi u apprezzament żbaljat tal-provi;
    ii. Erogat piena esaġerata.

***Ikkunsidrat:-***

5. Illi għal ħabta tal-bidu ta' Lulju tas-sena 2016, il-Pulizija rċevew telefonata mingħand il-parte ċivile OMISSIS2 li infurmhom li xtaq imur ikellimhom wara li kien mar jirrapporta każ ta' abbuż sesswali għand l-Aġenzija Appoġġ li, wara li kien tkellem magħhom, kienu rreferewħ huma stess għand il-Pulizija. Meta tkellmu miegħu OMISSIS2 kien saħaq illi meta kellu bejn 8 u 10 snin kien vittma ta' abbuż sesswali magħmul fuqu mill-appellant : ċjoe z-ziju t'ommu.

OMISSIS2 kien iqatta' l-vaganzi tas-sajf regolarment fir-residenza tal-appellant meta kien ikun fil-kumpanija ta' nannietu stante li n-nanna ta' OMISSIS2 kienet tiġi oħt l-appellant. Meta OMISSIS2 kien ikun fir-razzett tan-nannu huma kienu jitilgħu jieklu fid-dar tal-appellant ġewwa ż-Żejtun. Waqt li kienu jkunu hemmhekk kienu jiġru dawn l-abbużi fil-kamra tal-bejt tar-residenza in kwistjoni.

6. Il-mod kif dan l-abbuż kien iseħħ kien billi OMISSIS2 kien jitla' fuq il-bejt ħdejn l-appellant li suppost kien imur biex jitma' l-għasafar. Għal diversi drabi, l-appellant kien iniżżel il-qalziet tiegħu, jikxef il-parti tiegħu u kien jistieden lill-vittma biex imisslu l-parti privata tiegħu. Il-vittma qal li kien hemm drabi fejn kien anke jimmasturba lill-appellant u vice versa. Kien hemm darbi fejn dawn l-affarijiet kienu jiġru *f'toilet* biswit il-*washroom.* OMISSIS2 jiddeskrivi wkoll li l-appellant kien saħansitra jeġakola.

7. Mistoqsi għalfejn kien dam daqshekk sabiex jirrapporta dak li kien ġralu, OMISSIS2 spjega li huwa kien ħa d-deċiżjoni jirraporta meta kien attenda għal festin tal-familja, fejn OMISSIS7 kien mistieden ukoll. Hemmhekk OMISSIS2 ra li kien hemm tfal oħrajn u nnota l-mod kif l-appellant kien qiegħed iħares lejn u jġib ruħu fil-konfront ta' dawn it-tfal. Dan il-fatt fakkru fil-passat tiegħu u b'mod partikolari fl-esperjenzi t'abbuż kommessi fuqu mill-appellant. B'hekk iddeċieda li jirrapurtaħ peress illi ma riedx li s-sitwazzjoni tirrepeti ruħha ma tfal oħrajn.

8. OMISSIS2 kien tkellem m'ommu. Din tkellmet mal-familjari tal-appellant li saħansitra ħaduha kontrih peress li ma rieduħx iqajjem inkwiet. Biss OMISSIS2 ipproċeda bil-kwerela tiegħu. Wara li l-appellant tressaq il-Qorti, u wara li l-ewwel Qorti semgħet il-provi prodotti kontra tiegħu, sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet għal dak li jirrigwarda lil OMISSIS2, filwaqt li lliberatu mit-tieni akkuża u ddikjarat proċediment eżawrit fir-rigward tal-bqija tal-akkużi fil-konfront tar-rimanenti vittmi.

***Ikkunsidrat :-***

9. Illi in suċċint l-appellant qiegħed jisħaq illi hu ma setgħax jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni peress illi l-atti t'attivitajiet sesswali li lmenta dwarhom OMISSIS2 kienu seħħew meta huwa jgħid li kellu tminn snin – jew bejn tminn u disa' snin. Miċ-ċertifikat tat-twelid eżebit a fol 32 jirriżulta li OMISSIS2 twieled fil-21 t'Awissu 1998. Dan ifisser li dawn l-atti li kienu jikkostitwixxu r-reat taħt l-artikolu 204Ċ tal-Kodiċi Kriminali seħħew bejn il-21 t'Awissu 2006 u l-21 t'Awissu 2007. Ir-reat taħt l-artikolu 204Ċ tal-Kodiċi Kriminali daħal fis-seħħ bl-Att XXXI tal-2007 fil-31 ta' Diċembru 2007. B'hekk fiż-żmien li seħħew l-atti lamentati, dawn ma setgħux jikkostitwixxu r-reat de quo stante li dak iż-żmien dik l-imġieba ma kienetx tikkostitwixxi dak ir-reat.

10. Illi minn qari ta' dan ir-rikors tal-appell jidher allura li l-fatti mhux qed jiġu kontestati, bħalma lanqas ma jidher illi hemm

kontestazzjoni dwar l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati relattivament għall-elementi tar-reati pprospettati kontra l-appellant u l-applikazzjoni tagħhom. L-appellant jilmenta biss li ma setgħax jinstab ħati peress illi l-fatti ma kienux jikkostitwixxu r-reat kontestat fl-ewwel imputazzjoni in kwantu dik il-kondotta kienet għadha ma ġietx kriminalizzata.

11. Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, jibda' biex jingħad illi kif tgħid id-Difiża, l-artikolu 204Ċ tal-Kodiċi Kriminali jirregola l-ewwel imputazzjoni fir-rigward ta' OMISSIS2 daħal fis-seħħ permezz tal-Att XXXI tas-sena 2007 nhar il-31 ta' Diċembru 2007. L-imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni kif bażata fuq l-artikolu 204Ċ tal-Kodiċi Kriminali ġiet kontestata lill-appellant bħala li seħħet bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Awwissu 2008. Jiġifieri l-imputazzjoni marbuta maż-żmien kontestat fiċ-ċitazzjoni ma fiha xejn normativament irregolari u dan peress li din l-imputazzjoni saret għal perjodu fejn dan l-artikolu kien ġie fis-seħħ.

12. Il-problema tqum meta wieħed jara sewwasew l-att ta' twelid ta' OMISSIS2 illi jinstab debitament eżebit in atti, fejn id-data ta' twelid tiegħu huwa l-21 ta' Awwissu 1998[1] meta din tiġi mqabbla ma dak li huwa xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati relattivament għall-perjodu taż-żmien meta seħħew l-atti lamentati minnu.

13. Irrispettivament mill-akkuża kif redatta, jirriżulta illi meta OMISSIS2 xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, hu saħaq illi l-

[1] Folio 32 tal-atti proċesswali.

abbuż in kwistjoni fil-konfront tiegħu seħħ minn meta kellu 8 snin sakemm kellu 9 snin. Huwa irrepeta għal aktar minn darba li l-abbuż seħħ meta huwa kellu xi tminn snin. Dan ifisser li l-abbuż allegat fil-konfront tiegħu mill-appellant seħħ prinċipalment bejn is-snin 2006 u 2007. Mhuwiex ċar jekk l-abbuż kienx għadu għaddej fis-sena 2008 u ċjoe sakemm OMISSIS2 għalaq 10 snin. Infatti jidher ċar illi l-Prosekuzzjoni indikat dan ir-rimanenti żmien bħala 'timeline' tar-reat in kwistjoni. Jidher però mill-provi, anki minn dak li xehed OMISSIS2 innifsu li dan il-punt kruċjali ma ġiex iċċarat definittivament.

14. Konsegwentement din il-Qorti jidhrilha li d-Difiża għandha raġun li f'dan il-każ kien jeżisti dubbju raġonevoli dwar jekk il-fatti kontestati fl-ewwel imputazzjoni seħħewx fi żmien meta l-dawk il-fatti kien saru reat kriminali jew qabel. Għalkemm minn dak illi saħaq OMISSIS2 l-abbuż seħħ għal aktar minn darba, xi għaxar darbiet, mill-istess xiehda jirriżulta li dan x'aktarx seħħ bejn is-snin 2006 u 2007 fi żmien fejn dik l-imġieba ma kienetx għadha tikkostitwixxi r-reat kriminli imsemmi fl-artikolu 204Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

15. Konsegwentement dan l-aggravju relattiv għall-ewwel imputazzjoni jimmerita li jiġi milqugħ.

16. Illi l-istess pero ma jistax jingħad madankollu għal dak li jirrigwarda r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni taħt it-tielet imputazzjoni riferibbli biss u dejjem għal OMISSIS2. F'dan il-każ ir-reat huwa dak tal-korruzzjoni ta' minorenni fejn it-terminu

indikat fl-akkużi redatti huwa ferm aktar wiesa[2] u żgur li dan ir-reat kien fis-seħħ fiż-żmien meta seħħew il-fatti de quo. Din il-Qorti taqbel perfettament mal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati li f'dan il-każ l-estremi tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni ġew pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

***Ikkunsidrat :-***

17. Illi kwantu għall-aggravju relattiv għall-piena inflitta, din il-Qorti tirribadixxi li hija ma tbiddelx il-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati sakemm din ma tkunx żbaljata fil-prinċipju, kwalita jew kwantita preskritta ossija barra mill-parametri legali jew manifestament eċċessiva. Qabel xejn ġjaladarba din il-Qorti laqgħet l-aggravju tal-appellant relattivament għall-ewwel imputazzjoni sejjer ikun hemm varjazzjoni fil-piena.

18. Din il-Qorti ħadet kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, kif ukoll in-natura kontinwata ta' dan ir-reat. Biss din il-Qorti żammet ukoll quddiem għajnejha l-attitudni tal-appellant kif ukoll riflessa fil-*Pre Sentencing Report*, nonche l-aggravji attribwiti mar-reat tal-korruzzjoni ta' minorenni f'dan il-każ, u l-effett illi dan ir-reat kellu fuq il-vittma f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-piena imposta għandha tibqa waħda ta' priġunerija effettiva.

19. Qabel xejn, il-Liġi kienet tipprovdi li l-*minimum* tal-piena għandu jkun dak ta' tliet snin priġunerija filwaqt li l-*maximum* tal-piena

[2] Bejn l-1 ta' Jannar 2002 u t-30 ta' Ġunju 2016 bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali.

jammonta għal sitt snin priġunerija. Minħabba illi l-minimum ma jistax ikun taħt it-tliet snin priġunerija, il-Liġi awtomatikament teskludi l-possibbilta' illi l-appellant jingħata sentenza sospiża skond l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali. Mill-banda l-oħra irriżulta li r-reat sar fuq persuna t'eta' tenera ħafna, il-komportament tal-appellant kien sar għal diversi drabi, u jirriżulta li dan għamel ħsara lill-istess minuri. Din il-Qorti qieset ukoll li f'dan il-każ ir-reat kwalifikat tal-korruzzjoni tal-minorenni kien ukoll kwalifikat bl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-piena għar-reat li tiegħu jiġi misjub ħati tista' tiżdied bi grad jew tnejn.

20. Biss tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, nonche tal-eta avvanzata tal-appellant, il-fatt li minkejja tali eta jirriżulta li kien inċensurat u '*first time offender*' u ma kellux karattru refrattarju, kif ukoll minħabba dak li rriżulta mir-rapport ta' qabel is-sentenza tal-Uffiċjal tal-Probation Svetlana Bezzina, din il-Qorti qegħda tagħżel li f'dan il-każ timponi l-piena karċerarja fil-minimum tagħha mingħajr ma żżidha bis-saħħa tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali.

## *Decide*

Għaldaqstant il-Qorti tilqa` in parti l-appell ta' OMISSIS1 u dan billi:

(a) tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu għal dak li jirrigwarda biss u limitatament lil OMISSIS2, u
(b) tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni kif ukoll l-eżawriment tal-

proċeduri għal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni fir-rigward limitatament ta' OMISSIS4 u OMISSIS3,

(c) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ordnat il-ħruġ tal-ordni ta' protezzjoni taħt l-artikolu 412C għal perijodu ta' tlett snin fil-konfront ta' OMISSIS2, kif ukoll il-ħlas tal-ispejjez peritali skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u l-provvediment meħud taħt il-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta,

filwaqt li :

(d) tħassar dik is-sentenza f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u

(e) tħassarha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu għall-piena ta' ħames snin priġunerija,

u filwaqt li :

(f) tilliberah minn kull ħtija u piena relattivament għall-ewwel imputazzjoni,

(g) tikkundannah għall-piena ta' **tliet snin priġunerija** fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija relattiva għat-tielet imputazzjoni li tagħha ġie misjub ħati.

Altrimenti, tikkonferma s-sentenza appellanta safejn mhux mibdula b'din is-sentenza. Sabiex tiġi protetta l-identita' tal-minuri, din il-Qorti tordna

d-divjet tal-pubblikazzjoni ta′ isem il-minuri u l-familjari tagħhom u ta′ isem l-appellant fi kwanunkwe mezz ta′ komunikazzjoni.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***